**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A45/10

15 ta' Lulju 2010

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/45**

Il-laqgħa tal-Kunsill ser issir nhar **L-Erbgħa 21 ta' Lulju 2010, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Mozzjoni – *Accountant* tal-Kunsill
5. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
6. Diskussjoni dwar l-*audit,* l-*e-mails* skambjati u approvazzjoni tal-*Financial Statements*
7. Diskussjoni u approvazzjoni ta' kwotazzjoni għax-xiri u nstallar t'*air conditioner units* għall-uffiċċju amministrattiv
8. Diskussjoni dwar il-kuntratt attwali tal-*Patching and Pavement Reinstatement Works*
9. Affarijiet Oħra
10. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

7 t' Ottubru 2010

Ref Nru.Klg5/045

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/45 li saret l-Erbgħa 21 ta' Lulju 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

## Preżenti

Seba' membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela, Anthony Grech, Malcolm Camilleri, Ian Micallef u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

## *Chairman*

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-15 ta' Lulju 2010.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret l-Erbgħa 21 ta' Lulju 2010, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2.** Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

## 2. Materji Konnessi

### 2.1. Paġna Nru: 5 para 8.1. – *Computer Courses*

Is-Segretarju Eżekuttiv tat rendikont dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi fejn fost affarijiet oħra, kienu applikaw tmint itfal u għoxrin adult u l-laqgħa għat-tfal kienet ser issir fit-2 t'Awwissu 2010. Hi żiedet tgħid, li meta ddiskutiet din il-materja ma' *TcTc*, dawn kienu ta' l-opinjoni li filwaqt, li l-kors għat-tfal isir fix-xhur tal-vaganzi ta' l-iskola, l-kors tal-kbar isir aktar tard matul is-sena sabiex fil-fratemp, jerġgħa jsir reklamar bl-għan li jiżdiedu l-parteċipanti. Għalhekk, kienet qed tressaq dan is-suġġeriment għall-attenzjoni tal-Kunsill għaliex fl-opinjoni tagħha, ma kienx *feasible* li l-Kunsill iħallas €1,100. għal madwar tletin parteċipant biss.

Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa li kemm il-kors tat-tfal kif ukoll, dak tal-kbar jiġu posposti għal Ottubru 2010, minħabba l-fatt, li tkun bdiet l-iskola u għalhekk, jista' jkollna s-support ta' l-iskejjel.

Iċ-*Chairman* qal, li fl-opinjoni tiegħu, kien jagħmel aktar sens il-kors ta' *E Familja*.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li, mill-applikazzjonijiet sottomessi, kienu applikaw biss minn tnejn sa tlett adulti, filwaqt li l-kumplament kienu anzjani. Hi kompliet tgħid, li l-Kunsill għandu jiddiskuti l-pakkett finanzjarju viz a viz dak li seta' joffri preżentament lir-residenti filwaqt, li għandu jikkunsidra li tinħareġ *expression of interest* għall-*Computer tution provider* sabiex ikun jista' joffri taħriġ varjat matul is-sena għan-nies ta' kull eta'.

Wara din id-diskussjoni, l-Kunsill ddeċieda unanimament li:

1. ma kienx finanzjarjament vjabbli li l-Kunsill iħallas €1,100.għal tmienja u għoxrin student
2. l-Kunsill ma setax jikkonsidra xi kors ieħor bħal e-familja minħabba l-fatt, li jkun qed jagħti żewġ *direct orders* fl-istess fratemp lill-istess ditta
3. in vista ta' punt 2, nitolbu lid-dita *TcTc* sabiex issib soluzzjoni biex apparti li jsir il-kors għal dawk li applikaw, in-nefqa tkun tinkludi wkoll, korsijiet oħra.

### 2.2. Paġna Nru: 7 para 6.1. *Gżira United Football Ground*

Iċ-*Chairman* qal, li kien irċieva *e-mail* mingħand l-Avukat tad-Dipartiment Għall-Gvern Lokali, Angie Vella bl-emendi neċessarji għall-abbozz ta' ftehim kif ukoll qaltlu, li dan l-abbozz kien ser jiġi ffirmat fit-22 ta' Lulju 2010, fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Huwa kompla jgħid, li l-*M.F.A.* kienet ser tagħmel il-*ground* filwaqt li l-Kunsill jieħu ħsieb ir-*running costs.*

Dan il-proġett ser ikun lest bejn tlett ġimgħat u xahar u hemm il-ħsieb li l-iskola tipprovdi spazju għal *dressing room.*

**2.3. Paġna Nru: 8 para 3.3**

Rigward il-manutenzjoni tal-fanali ta' fuq iz-zuntier, il-Kunsill ġie nfurmat li din il-manutenzjoni ser issir flimkien max-xogħol taz-zuntier, liema xogħlijiet kellhom isiru mill-*Works Division*.

**2.4. Paġna Nru: 9 para 11.1. – Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma**

Rigward is-suġġet hawn fuq sopraċitat, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li l-President ta L-A.K.L. kien bagħat ir-risposta tiegħu fejn, apparti li ndirizza l-materja dwar talbiet ta' ħlasijiet għal *civil works* fuq *mains*, għamel referen za wkoll, għall-ftehim li l-A.K.L. kienet għamlet mal-*W.S.C.* dwar ħlasijiet ta' permessi minn din il-Korporazzjoni lil Kunsilli rispettivi fejn ikun intalab li jsir ix-xogħol. Hi kompliet tgħid, li b'dan il-ftehim, il-*W.S.C.* kienet ser tibda tibgħat il-ħlasijiet dovuti għas-snin 2007/2008/2009 filwaqt, li l-ħlasijiet ta' din is-sena kienu ser isiru kif stipulat fil-ftehim. Madanakollu, hi spjegat li ma kienitx qed taqbel ma' l-*invoices* mibgħuta għat-tlett snin hawn fuq imsemmija u għalkemm kienet bagħtet tinforma kemm lill-A.K.L. u l-*W.S.C.* pero' sa dak in-nhar tal-laqgħa kienet għadha ma rċievitx ebda risposta.

**2.4.1.** F'dan l-istadju, s-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsill, li la darba kien qed jittratta materja relatata ma' l-*W.S.C.* jiġi diskuss il-kuntratt li rċieva mill-*A.K.L.* dwar il-proċedura maqbula ma' din il-Korporazzjoni dwar xogħlijiet ta' *reinstatement* tat-toroq fejn ikunu saru tiswijiet ta' ħsarat (kopja ta' liema kuntratt kien intbagħat ma' l-*Agenda*).

Hi tat rendikont tal-kuntratt u ġibdet l-attenzjoni għal diversi punti.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament, li s-Segretarju Eżekuttiv għandha terġa' tibgħat kopja tal-kuntratt flimkien mal-punti msemmija lill-Kunsillieri sabiex sussegwentament ta l-approvazzjoni tagħhom, tissottometti r-risposta ta' dan il-Kunsill.

Għall-mistoqsija taċ-*Chairman*, dwar x'jistgħu jkunu l-effetti fuq il-Kunsill jekk ma jiffirmax dan il-ftehim, il-Kunsillier Ian Micallef qal, li l-Kunsill għandu jressaq il-punti tiegħu fil-laqgħa tas-Sindki u l-Viċi-Sindki.

**2.4.2.** Dwar il-ftehim propost mill-*W.S.C.* fir-rispett ta' ħlas għas-*civil works* tal-*water mains*, fi tlett toroq fejn ser isir l-asfaltar u l-bankini, s-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li l-Korporazzjoni msemmija, kienet bagħtet *revised estimate rates* u minn talba ta' €63,332.00 tnaqqset għal €10,736.00.

In vista tat-telekonverżazzjoni li kienet saret mal-President ta' l-A.K.L. Sur Michael Cohen, fil-laqgħa preċedenti, fejn il-Kunsill kien infurmat li dawn

huma spejjeż li qed jiġu mitluba lil kull Kunsill Lokali u anke l-fatt, li s-somma ġiet reveduta għal waħda aktar raġunevoli kif ukoll, dan il-fattur qed iżomm lill-Kunsill milli jibda x-xogħlijiet, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef, li jiffirmaw dan il-kuntratt.

**2.5.** Iċ-*Chairman* qal, li hu flimkien mal-Kunsillier Anthony Abela kienu għamlu *site inspection* f'Misraħ Turu Colombo iżda ma ntlaħqet ebda deċiżjoni u fl-opinjoni tiegħu din għandha ssir wara li jsir ix-xogħol fi Triq Nicola Cottoner.

**3. Korrispondenza**

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sal-21 ta' Lulju 2010 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Tressqet il-kwotazzjoni għal *supply & fixing of rubber speed moderator* quddiem l-Għassa tal-Pulizija fil-Gżira mibgħuta mid-ditta *UniKing International* għall-ammont ta' €367.82 VAT inkluża.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li l-istess kwotazzjoni tintbagħat ukoll, lid-ditta *B.Grima & Sons*.

**3.4.** Il-Kunsill ġie nfurmat bir-risposta mit-*Transport Malta* biex jiġi rekonsiderat id-daqs ta' l-*Alighting/Boarding Bay* quddiem il-*Bay View Hotel* fi Triq ix-Xatt ma ġietx milqugħa u għalhekk id-deċiżjoni kif ikkomunikata mit-*Transport Malta* fl-ittra datata 19 t'April 2010, kienet finali.

**3.5.** Il-Kunsill ġie nfurmat mit-*Transport Malta*, li fi Triq Ponsonby hemm approvazzjoni waħda biss għall-*loading/unloading bay* datata 17 ta' Diċembru 1996. Madanakollu, m'hemmx indikazzjoni għal liema waħda kienet qed issir referenza.

Il-Kunsillier Ian Micallef talab lill-Kunsill, sabiex kopja ta' din il-korrispondenza tintbagħat għall-attenzjoni tiegħu sabiex ikun jista' jiddiskutiha mat-*Transport Malta* għan-nom tal-Kunsill.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

**3.6.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela, li jilqa' t-talba tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali li jħallas għall-plakka kommemorattiva ta' l-irħam sabiex tiġi

kkommemorata l-110 sena anniversarju mit-tfigħ tal-ġebla lejn il-kwadru tal-Madonna. Din id-deċiżjoni hi suġġetta li jkunu ġew ottjenuti l-permessi kollha neċessarji.

**3.7.** Rigward it-talba li tressqet għall-*loading/unloading bay* fi Triq Sliema lir-*Roads & Infrastructure Directorate* minn *Azzopardi Fish Shop,* il-Kunsill qabel unanimament sabiex nirrakkomandaw lid-Direttorat hawn fuq imsemmi, sabiex tingħata *a timed & communal un/loading bay* għall-entitajiet kummerċjali f'din it-triq.

**3.7.1** Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nirrakkomandaw lid-Direttorat hawn fuq imsemmi, sabiex tinstab l-aħjar lokazzjoni biex tingħata *a timed & communal un/loading bay* għall-entitajiet kummerċjali fi Triq Msida u dan minħabba l-fatt, li l-Kunsill kien irċieva talba kemm mingħand id-ditta *Miracle Foods Ltd* u d-ditta *Fabian Enterprises Ltd*.

**3.8.** Il-Kunsill qabel unanimament li t-talba għall-ispejjeż għall-ħsarat mġarba fuq il-vettura tas-Sur M. Bezzina ma tistax tintlaqa' sakemm il-każ ma jkunx suffiċjentament pruvat.

**3.9.** Il-Kunsill ġie nfurmat, li l-*Proposed embellishment of Piazza Jerry Zammit including traffic management and Bring In Site* – PA 05065/05 ġie approvat mid-*DCC* fis-6 ta' Lulju 2010.

Iċ-*Chairman* qal, li kien tkellem mas-Sindku ta' l-Imsida dwar is-sistema tat-traffiku.

Il-Viċi-Sindku qal, li s-sistema tat-traffiku kienet diġa ġiet diskussa fil-passat u l-Kunsill mhux lest li jbidilha.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-Perit tal-Kunsill jerġa' jagħmel stima tax-xogħol involut sabiex jekk ikun hemm varjazzjoni kemm fil-*B.O.Q.* jew fit-talba għan-nefqa, tista' terġa' ssir applikazzjoni lill-*U.I.F.* fi ħdan il-*M.E.P.A.* kif ukoll, li l-Viċi-Sindku għandu jkun responsabbli minn dan il-proġett.

**3.10.** Il-Kunsillier Anthony Abela ta rendikont tad-diskussjonijiet li kienu għaddejjin bejn il-Kunsill Lokali, l-Kunsill Malti għall-I*sports* u d-ditta *WasteServ* in vista tal-fatt, li din ta' l-aħħar, kienet infurmat lill-Kunsill li l-K.M.S. riedu li din il-*Bring-In–Site* titneħħa, għar-raġuni li kien qed ikun depożitat skart mħallat fl-istess area. Huwa kompla jgħid, li għamel kuntatt mas-Sur Josef Ludwig Cassar għan-nom tal-K.M.S. fejn dan, filwaqt li tah aktar ċans biex il-Kunsill isib sit alternattiv sar ftehim ukoll, li l-*area* tan-*National Pool Complex* tiġi *monitored* bl-installazzjoni ta' *CCTV camera* mid-ditta *Green MT* bħala l-kumpanija responsabbli mill-iskart separat f'din il-lokalita'.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' dak li kien qal il-Kunsillier Anthony Abela kif ukoll, mas-suġġeriment tal-Kunsillier Ian Micallef, li jekk ma tinstabx alternattiva oħra u jkollhom jitneħħew, il-Kunsill jitlob li ta' lanqas jibqa' r-reċipjent tal-*plastic* biss.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-kuntratt propost mill-*WasteServ*, dwar il-*Bring-In-Site* ta' ħdejn in-*National Pool Complex* u ta' wara l-Ġnien kien għadu ma ġiex iffirmat.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-iffirmar ta' dan il-kuntratt isir wara li tiġi riżolta l-problema tal-*Bring-In-Site* ta' ħdejn in-*National Pool Complex*.

**3.11.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li jinġiebu kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw sitt *bins on wheels* bħal tal-kenniesa, biex jiġu nstallati fix-Xatt.

**3.12.** Is-Segretarju Eżekuttiv tat rendikont dwar it-talba li l-Kunsill kien issottometta lid-Dipartiment ta' l-Artijiet għad-devoluzzjoni tas-sit li hemm fi Triq Dott. Guze Miceli (ħdejn Padre Pio Flats). Hi spjegat, li l-Kunsill għandu jaqbel fil-prinċipju għal liema proġett ser jissottometti t-talba u dan sabiex, sussegwentament jimxi skont il-proċedura tad-devoluzzjonijiet spjegata f'Memo 25 ta' l-1999, liema proċess huwa tawwali, jinħtieġ l-għanjuna tal-Perit sabiex iħejji pjanta u lill-*Accountant* sabiex jagħmel stima kapitali tax-xogħol.

Matul id-diskussjoni li saret, iċ-*Chairman* qal, li hu ma kienx tal-fehma li jsir *Day Care Centre* jew *Stores* filwaqt, li l-Kunsillier Ian Micallef ssuġġerixxa li jsir Ċentru Ċiviku.

Il-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment li għamel il-Kunsillier Ian Micallef u għalhekk l-applikazzjoni għandha ssir biex jiġi żviluppat f'Ċentru Ċiviku.

**3.13.** Rigward it-talba li kienet saret mill-Kunsill lill-*Bank of Valletta*, liema talba ġiet milqugħa dwar *loan* għall-*Activities Centre*, l-Kunsill qabel li għandu jitkellem ma' l-*Accountant*, dwar il-*loan repayment*.

**3.14.** Il-Kunsill ġie nfurmat li d-Direttur Għall-Gvern Lokali kien ġibed l-attenzjoni permezz ta' *e-mail* li l-prezz għall-ġbir tat-*tenders* għandu jkun bejn €100 u €150.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament, li l-prezz għandu jibqa' ta' €250 għaliex fl-opinjoni tal-Kunsill dan kien wieħed ġust fil-konfront ta' l-estimi ta' l-istess offerta. Għall-mistoqsija tas-Segretarju Eżekuttiv jekk din id-deċiżjoni tistax tiskwalifika dan il-proċess, il-Kunsill wieġeb fin-negattiv.

**3.15.** Iċ-*Chairman* informa lill-Kunsill dwar artiklu li deher dak in-nhar stess tal-laqgħa fil-gazzetta '*The Times*' dwar inċident li ċiklista kellha fil-*bus bay* li hemm fi Triq ix-Xatt faċċata ta' Triq Gżira.

Matul id-diskussjoni li saret il-Kunsill qal, li apparti l-fatt li ċ-ċiklista ma kellha qatt tgħaddi minn *bus bay,* il-*culvert system* kienet saret mill-Gvern Ċentrali madwar għoxrin sena ilu u d-deċiżjoni ta' mplimentazzjoni ta' *cyclists lane* kienet tat-*Transport Malta*. Għaldaqstant, fil-fehma tal-Kunsill, it-*Transport Malta* kienet responsabbli minn din il-materja.

**3.16.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Mozzjoni – *Accountant* tal-Kunsill

**4.1.** Il-Kunsill qabel unanimament li l-mozzjoni hawn fuq imsemmija, tiġi postposta.

## 5. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**5.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru: 1867 sa Nru: 1911(Ara *appendix* Nru: 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**5.2.** Tressqu wkoll il-pagamenti tal-kuntrattur *J&K Contractors Ltd*. għal xogħlijiet ta' bankini f'diversi toroq għall-ammont ta: €4,991.04

**5.3.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru. 1867 sa Nru. 1911 kif ukoll, il-pagamenti hawn fuq imsemija, ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri.

## 6. Diskussjoni dwar l-*Audit*, l-*e-mails* skambjati u approvazzjoni tal-*Financial Statements*

**6.1.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li l-Kunsill permezz ta' l-Uffiċjal Eżekuttiv Fabian Borg, kien għamel kuntatt ma' l-*Accountant* madanakollu, sa dak in-nhar tal-laqgħa kien għadu ma rċieva ebda dokument mitlub kif diskuss waqt il-laqgħa tal-Kunsill preċedenti.

Iċ-*Chairman* qal, li l-*Accountant* kien infurmah li l-*Cash Budget* kien lest u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li kien aħjar li kieku dan bagħtu għall-laqgħa tal-Kunsill.

F'dan l-istadju, l-Viċi-Sindku reġa' rrimarka li l-*inputting* ta' l-*accounts* kien qiegħed b'seba' xhur lura u kif kien ġie deċiż waqt l-aħħar laqgħa tal-Kunsill, kien ra s-sottomettenti kollha u għażel dawk li kellhom l-*O-level* u l-

*A-Level* fl-*accounts* u għaldaqstant, kien qed jissuġġerixxi li l-Kunsill għandu jipproċedi bl-*interviews* sabiex ikun jista' jiġi ngaġġat persuna li fost ix-xogħol tiegħu, jkun anke responsabbli mill-*inputting* ta' l-*invoices* u l-pagamenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni għalll-fatt, li l-Kunsill irid jiddiskuti din il-materja ma' l-*Accountant* preżenti minħabba l-fatt, li din il-materja tifforma parti mill-kuntratt ta' l-*Accountant*.

Iċ-*Chairman* qal li hu kien ser jitkellem ma' l-*Accountant*.

**7. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet għax-xiri u nstallar t'*air conditioner units* għall-Uffiċċju Amminstrattiv**

**7.1.** Tressqet *spreadsheet* dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi li kopja tagħha ntbagħtet ma' l-*Agenda* lil kull Kunsillier. Żewġ ditti kienu li ssottomettew li kienu:

| | |
|---|---|
| *Daiken -* | *€4,049.00 VAT & Eco Tax inkluża* |
| *Chigo -* | *€2,032.00 VAT & Eco Tax inkluża* |

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li tintgħażel id-ditta *Daiken* għall-ammont ta' €4,049.00 għar-raġunijiet li d-ditta *Daiken* offriet qisien li fl-opinjoni tal-Kunsill kienu aktar adekwati, dawk ta' l-Uffiċċju Amminstrattiv li jintużgħu kontinwament għandhom l-*inverter technology* u għalhekk huma aktar ekonomiċi u *environmental friendly* kif ukoll, huma available *in stock* u l-Kunsill ma setax jistenna aktar.

**7.2.** Il-Kunsillier Malcolm Camilleri telaq minħabba mpenn ieħor.

**8. Diskussjoni dwar il-kuntratt attwali tal-*Patching & Pavement Reinstatement Works***

**8.1.** Iċ-*Chairman* ta rendikont ta' din il-materja u qal, li r-raġuni l-għala kienet qed titressaq għad-diskussjoni kienet, minħabba l-fatt, li filwaqt li l-kuntratt kien qed jispeċifika li l-*patches* għandhom ikunu sa massimu ta' tlett metri kwadri, minħabba n-natura tax-xogħol dan il-metraġġ kien qed jinqabeż.

Għalll-mistoqsija tal-Kunsillier Ian Micallef jekk il-metraġġ kienx qed jinqabeż bi ftit jew b'miżura sostanzjali, ċ-*Chairman* wieġeb, li kien hemm każijiet fejn l-ammont kien ferm aktar. Hu żied jgħid, li l-għan tad-diskussjoni kien sabiex il-Kunsill jevalwa jekk dawn iċ-ċirkostanzi kienux b'xi mod jew ieħor qed iwasslu biex il-Kunsill jikser il-liġi.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li abazi tar-risposta tas-Sindku għall-mistoqsija tiegħu, hu kien tal-fehma li l-Kunsill għandu jieħu l-parir legali ta' l-Avukat tal-Kunsill, Dott Edward Woods.

Filwaqt li ġie rimarkat li l-Kunsill hu sodisfatt bil-ħidma attwali tal-kuntrattur u jieħu ħsieb jimxi mal-proċeduri kollha, l-Kunsill qabel unanimament li għandu jintalab il-parir ta' l-Avukat sabiex b'hekk jiġi assigurat li l-Kunsill kien qed ikun legalment korrett.

**9. Affarijiet Oħra**

**9.1.** Ġie deċiż li l-ħaddiema tal-Kunsill jibdew jaħslu l-*gazebos* darbtejn fil-ġimgħa.

**9.2.** Il-Kunsillier Anthony Abela nforma, li t-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa kien qed isir xogħol mill-kenniesa filgħaxija fix-Xatt bejn is-7.00 u l-10.00 p.m.

**9.3.** Il-Kunsill ġie nfurmat li matul ix-xahar t'Awwissu 2010, il-librara Nathalie Camilleri, ser tibda tiftaħ il-librerija filgħaxija jiġifieri t-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa mill-5.00 p.m. sas-7.00 p.m. u s-Sibt mis-2.00 p.m. sal-5.00 p.m. kif ukoll, Ms Sandra Galea – *crafts teacher* il-lezzjoni ta' l-Erbgħa filgħodu ser tibda ssir l-Erbgħa filgħaxija matul dan ix-xahar.

**9.4.** Il-Viċi-Sindku qal, li attwalment kienu qed isiru s-*Summer Music Nights* kull nhar ta' Ġimgħa u talab biex jekk xi ħadd mill-Kunsillieri jkun jista' jġib xi *sponsor*, jagħmel dan minħabba l-fatt, li s'issa l-*Globe plc* biss kienu offrew *sponsor* ta' €100.

**9.5.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kienet irċeviet talba sabiex tiġi *upgraded* il-bozza li hemm fi Triq Edgar Bernard ħdejn tal-*Qroqq Stationery*.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

**9.6.** Il-Viċi-Sindku qal, li wara l-stħarriġ li kienet għamlet id-ditta *Guard & Warden Service House* dwar l-ilmenti u l-inċident li kien sar fil-Kunsill minn Gwardjan Lokali, dan ta' l-aħħar kien ġie trasferit fl-lokalita' oħra u kien intbagħat Gwardjan ieħor li fl-opinjoni tiegħu kien qed jagħmel xogħlu.

Iċ-*Chairman* qal, li kien qed jirċivi diversi telefonati mir-residenti minħabba l-fatt, li l-attitudni ta' dan il-Gwardjan hi waħda arroganti u l-mod ta' kif kien qed jaġixxi, kienet ta' detriment għan-negozju.

Il-Kunsillier Anthony Abela qal, li x-xnija kienet li dan il-Gwardjan hu mibgħut mill-Kunsill.

Iċ-*Chairman* qal, li l-idea tiegħu hi, li l-Gwardjan għandu jara kif tkun is-sitwazzjoni, jagħmel ir-ronda u jekk meta jirritorna s-sitwazzjoni tibqa' l-istess, allura jħarrek.

Ġie pprezentat dokument mibgħut mill-Uffiċjal Awtorizzat li kien jinkludi *datatrekking* ta' minn kull fejn għadda l-Gwardjan u lista tal-kontravenzjonijiet kollha li nħarġu kemm ilu assenjat f'din il-lokalita'.

Matul id-diskussjoni li saret, irriżulta li l-ilmenti mressqa ma kienux jaqblu ma' dak li kien hemm fir-rapport hawn fuq imsemmi.

**9.7.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Grech li jinxtara l-ktieb 'Iż-Żjara tal-Q.T. il-Papa Benedittu XVI' għall-ammont ta' €15.00

**10. Laqgħa Oħra**

**10.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-8.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Gżira Local Council

**Ref No: K203/119/10**

**21 July 2010 KLG5/45**

| R/Sheet No: | Description | Value € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 1867 | WasteServ invoice No: 59738 – May Recyclable Waste | 1,790.19 | |
| 1868 | Best Wishes – Invoice 2397720 Stationery | 113.48 | 6665 |
| 1869 | Alfa Co. Ltd Invoice No: 63339 Eco tax re toner | 2.75 | 6666 |
| 1870 | Sound Vision Print Ltd invoice No: 12916 advert GLC002/2010 H'Hold Waste | 88.03 | 6667 |
| 1871 | Env. L/Scapes Cons. Inv. No: 006322 Soft Areas – June 2010 | 2,212.92 | 6668 |
| 1872 | Squire Bkshop Inv. No: 7449 N/papers June 2010 | 42.70 | 6669 |
| 1873 | Joe Bonnici & Sons Inv. No: 5035 – Hire of 2 mobile toilets 22.06.10 – 30.06.10 | 95.58 | 6670 |
| 1874 | Enemalta – inv No: 1800000450 annual fee demarcation charges | 233.00 | 6703 |
| 1875 | Longbow Ltd invoice 83989 degradable bags – The Strand | 37.76 | 6671 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1876** | **G4S Security Services (Malta) Ltd – 4 trips C.I.T. June 2010 – invoice GS000413** | **30.44** | **6672** |
| **1877** | **Melita Cable plc Inv No: 28932883 01.07.10 – 31.08.2010** | **23.30** | **6653** |
| **1878** | **13 Distributions Ltd – invoice No: 2649 distribution of computer courses** | **130.00** | **6673** |
| **1879** | **M.I.T.A. invoice SIN023363 – maint & Support period July to Sept. 2010** | **416.85** | **6674** |
| **1880** | **Uniking International inv No: C2310 to romove & deliver to Council speed moderator** | **35.40** | **6675** |
| **1881** | **M.I.T.A. invoice SIN023406 e-mail a/c for Councillors** | **29.88** | **6676** |
| **1882** | **Float Glass Ltd invoice No: 23565 – 2 speaking holes + fixing front office** | **165.20** | **6677** |
| **1883** | **C.S.D. Office Trade Invoice Nos: 31043 - 31111 A3 + A4 copy paper** | **63.61** | **6678** |
| **1884** | **The Toolbox invoice No: 9573** | **70.31** | **6679** |
| **1885** | **Ms Sandra Galea invoice No: 9 Crafts lessons July 2010** | **375.00** | **6680** |
| **1886** | **Mr. Joe Borg Invoice No: 15 Spejjeż papri July 2010** | **46.59** | **6681** |
| **1887** | **Mr. Em. Mifsud Inv No: 37 Door to Door Collection July 2010** | **5,590.50** | **6682** |
| **1888** | **Mr. Em. Mifsud Inv No: 38 Hire of Skips July 2010** | **432.87** | **6683** |
| **1889** | **Mr. Em. Mifsud Inv. No: 39 – July 2010 Public Convenience** | **836.06** | **6684** |
| **1890** | **Mr. Em. Mifsud Inv. No: 40 Bulky Refuse = 161 Calls for June 2010** | **881.32** | **6685** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1891 | Mr. Em. Mifsud inv. No: 41 Extra Service Festa 11.07.2010 | 95.00 | 6686 |
| 1892 | Alfa Co. Ltd. Inv No: 63440 copies + rent of 2 photocopiers | 180.60 | 6687 |
| 1893 | J.F. Mallia Ltd Inv. No: 413 Job Nos: 134/135 Triq Kubrit/Edgar Bernard | 62.34 | 6688 |
| 1894 | SRF Cleaning Serv. Inv. 10/1379 – June 2010 – S/Sweeping-G/Cutting/Mec Sweeper | 4,665.72 | 6689 |
| 1895 | SRF Cleaning Serv. Inv.10/1380 – Sunday Services June 2010 | 378.52 | 6690 |
| 1896 | ARMS Ltd invoice 12430357 – period 17.12.2009/06.03.2010 Act. Centre | 3.10 | 6691 |
| 1897 | Melita plc Inv. 28929236/01.07.10 - 31.07.2010 | 7.76 | 6692 |
| 1898 | Longbow Ltd Inv. No: 84096 – 2 bdles x 200 litter bins The Strand | 75.52 | 6693 |
| 1899 | Simler Confectionery invoice No: 2279 attivita' 08.07.2010 | 817.29 | 6656 |
| 1900 | GO plc inv. 23953664 tel No: 21322157 Calls June Rent July 2010 | 45.10 | 6660 |
| 1901 | GO plc inv. 23952978 tel No: 21341616 Calls June Rent July 2010 | 25.73 | 6661 |
| 1902 | GO plc inv. 23952968 tel No: 21334254 21341034 Calls June Rent July 2010 | 82.30 | 6662 |
| 1903 | Union Print Co. Ltd inv. AI002788 - advert GLC002/2010 H'Hold Waste | 68.91 | 6694 |
| 1904 | Maltapost plc quote No: L/C 001 Distribution Courses Educ. Life Long Learning | 119.25 | 6654 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1905** | **Stardelta Hardware Store – re: attivita 08.07.2010** | **10.00** | **6659** |
| **1906** | **Melita plc inv. 29021453 Hello service 08.07.2010 – 07.08.2010** | **264.37** | **6663** |
| **1907** | **Media Link Communications Co. Ltd. advert GLC002/2010 Mixed H'Hold Waste invoice No: 043850** | **68.44** | **6695** |
| **1908** | **Mount Carmel Band Club – 28.06.2010 Lelja Gżirjana** | **975.00** | **6699** |
| **1909** | **Sundew Enterprises Ltd – inv. Dated 27.05.10 – share of common parts May to October 2009** | **215.61** | **6696** |
| **1910** | **Guard & Warden Extra Service at the Strand central strip 5/6/0710** | **102.96** | **6698** |
| **1911** | **Seg. Permanenti – avviżi fil-Malta Ind. GLC002/2010 H.Hold Waste & Quotes GLC004/2010 A.C. Units + GLC005/2010 Server Rack** | **135.00** | **6697** |

# Quote No. GLC 004/2010

| Supplier | M.A. & A Services | Cassar Airconditioning Systems |
|---|---|---|
| **Main Office** | | |
| Brand | **Daikin** | **Chigo** |
| Unit Model | FTX71GV/RX71GV | CS-51H3A-P84AH4A |
| Unit Type | Wall Mounted | Hi-Wall |
| Cooling Capacity | 24,000 Btu Nomimal - ***29,000 Btu via Inverter Techonology*** | 18,000 Btu |
| Invertor Technology | YES | NO |
| Energy Effiency | Class A | Class A |
| Ozone Friendly Freon Gass | R410A | R410A |
| Amount of Units Suggested | 2 | 2 |
| **Mayor's Office/Boardroom** | | |
| Brand | **Daikin** | **Chigo** |
| Unit Model | ATYN60E/ARYN60F | CS-61H3A-P84AE2 |
| Unit Type | Wall Mounted | Hi-Wall |
| Cooling Capacity | 24,000 Btu | 22,000 Btu |
| Invertor Technology | NO | NO |
| Energy Effiency | Class A | Class A |
| Ozone Friendly Freon Gass | R410A | R410A |
| Amount of Units Suggested | 1 | 1 |
| **Common Features** | | |
| Warranty | 3 years worksmanship, materials, parts and labour | 3 years labour and parts 5 years compressor |
| Availability | 2 to 3 weeks from order | Subject to availability of stock |
| Build in | **Japan** | **China** |
| **Total incl VAT + ECO TAX** | **€ 4,049.00** | **€ 2,032.00** |